

Brussell, 20 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11452/1/22
REV 1

LIMITE

CORLX 696
CFSP/PESC 1012
RELEX 1042
COEST 586
FIN 833

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Deċiżjoni, Regolament ta' Implimentazzjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

1. Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK u r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Dawn il-miżuri ġew imġedda l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/411 sal-15 ta' Settembru 2022.
2. Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar operazzjoni militari fl-Ukrajna u l-forzi armati Russi nedew attakk fuq l-Ukrajna.
3. Fil-laqgħa straordinarja tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew appella għall-elaborazzjoni u l-adozzjoni urġenti ta' sett ġdid ta' sanzjonijiet individwali u ekonomiċi.

4. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Marzu 2022, il-Kunsill Ewropew iddikjara li l-Unjoni tibqa' lesta li tagħlaq il-lakuni u tindirizza ċirkomvenzjonijiet attwali u possibbli.
5. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni u b'rispons għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, huwa xieraq li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi.
6. Fil-15 ta' Lulju 2022, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK (dokument 11446/22), u proposta għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 (dokument 11448/22), dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Fl-istess jum, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw proposta konġunta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 (11450/22).
7. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-COREPER huwa mistieden:
 - jaqbel dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni u r-Regolament emendatorju, kif jinsabu fid-dokument rispettivi: 11447/22, 11449/22 u 11451/22;
 - jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill li, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, il-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub biex:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 11447/22;

- jadotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 11449/22;
- jadotta r-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 11451/22;
- japprova l-avviżi li għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali (Serje "C"), kif jinsabu fl-Annessi I, II u III għal din in-nota;
- japprova l-abbozz ta' ittra ta' notifika għall-persuni li l-indirizz tagħhom huwa disponibbli, kif jinsab fl-Anness IV għal din in-nota.

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK¹, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]⁺, u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014², kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/[numru]⁺⁺ dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]⁺, u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/[numru]⁺⁺ dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Ir-raġunijiet li ddeterminaw id-deżinjazzjoni tal-persuni, entitajiet u korpi kkonċernati huma speċifikati fl-entrati korrispondenti fl-Annessi inkwistjoni.

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 11447/22.

² ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament li jinsab fid-dokument 11449/22.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw il-fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej **qabel is-16 ta' Awwissu 2022**:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Segretarjat Ġenerali

RELEX.1

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

Qiegħda tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati dwar il-possibbiltà li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tiġi kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2), u l-Artikolu 263(4) u (6), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew l-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK¹, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]⁺, u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014² kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/[numru]⁺⁺⁺ dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew l-korpi li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]⁺, u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/[numru]⁺⁺⁺ dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

L-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jeħtieġ li daww il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew l-korpi jridu jirrapportaw, qabel ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data sitt ġimgħat wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament fid-dokument 11451/22] fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġurisdizzjoni tal-UE li jappartjenu lilhom, huma proprjetà tagħhom, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawn il-fondi jew riżorsi ekonomiċi. Huma jridu jikkooperaw mal-awtorità kompetenti nazzjonali biex tali informazzjoni tiġi vverifikata b'kull mod. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi ser titqies bħala ċirkonvenzjoni tal-miżuri dwar l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

L-informazzjoni li trid tiġi rrapportata trid tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti permezz tas-sit web tagħha kif indikat fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 269/2014³.

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 11447/22.


² ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

⁺⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament li jinsab fid-dokument 11451/22.

⁺⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament li jinsab fid-dokument 11451/22.

³ L-aħħar verżjoni kkonsolidata disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0269-20220604&qid=1658251857077>

L-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 ma għandux japplika qabel l-1 ta' Jannar 2023 fir-rigward ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi li jinsabu fi Stat Membru li kien stabbilixxa obbligu ta' rapportar simili skont id-dritt nazzjonali qabel [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament fid-dokument document 11451/22].



Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

Qed tinġibed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Il-bażijiet ġuridiċi għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]¹, u r-Regolament (UE) Nru 269/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/[numru]².

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa d-Dipartiment RELEX.1 fid-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni - RELEX tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK), li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Segretarjat Ġenerali

RELEX.1

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

¹ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 11447/22.

² ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament li jinsab fid-dokument 11449/22.

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tas-SĠK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz elettroniku:

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

data.protection@consilium.europa.eu

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/[numru]³, u mar-Regolament (UE) Nru 269/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/[numru]⁴.

Is-soġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar fil-lista kif stipulati fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK u r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni korretta tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kwalunkwe data oħra relatata ma' dan.

Id-data personali miġbura tista' titqassam skont kif ikun meħtieġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni.


Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt għal aċċess, kif ukoll id-drittijiet għal rettifika jew għal oġġezzjoni ser jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali ser tinżamm għal ħames snin minn meta s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdeu.

³ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 8668/22.

⁴ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru u d-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament li jinsab fid-dokument 8670/22.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 (edps@edps.europa.eu).



Template letter for the persons and entities whose address is known

This is to inform you that the Council of the European Union has decided to include [you] / [your entity] on the list of persons, entities and bodies subject to restrictive measures in the Annex to Council Decision 2014/145/CFSP, as amended by Council Decision (CFSP) 2022/[number]⁺, and in Annex I to Council Regulation (EU) No 269/2014, as implemented by Council Implementing Regulation (EU) 2022/[number]⁺⁺ concerning restrictive measures in respect of actions undermining or threatening the territorial integrity, sovereignty and independence of Ukraine. The grounds for designation appear in the relevant entries in those Annexes.

Your attention is drawn to the possibility of making an application to the competent authorities of the relevant Member State(s) as indicated in the websites in Annex II to Council Regulation (EU) No 269/2014, in order to obtain an authorisation to use frozen funds for basic needs or specific payments (cf. Article 4 of the Regulation).

You may submit a request to the Council, together with supporting documentation, that the decision to include [you] / [your entity] on the above-mentioned list should be reconsidered, to the following address **before 16 August 2022**:

⁺ OJ reference

⁺⁺ OJ reference

Council of the European Union

General Secretariat

RELEX.1

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

e-mail: sanctions@consilium.europa.eu

Your attention is also drawn to the possibility of challenging the Council's decision before the General Court of the European Union, in accordance with the conditions laid down in Article 275, 2nd paragraph, and Article 263, 4th and 6th paragraphs, of the Treaty on the Functioning of the European Union.

[You are also informed of the Notice for the attention of the data subjects to whom the restrictive measures provided for in Council Decision 2014/145/CFSP and Council Regulation (EU) No 269/2014 concerning restrictive measures in respect of actions undermining or threatening the territorial integrity, sovereignty and independence of Ukraine apply (2022/Cxxx/xx*).]

* Official Journal C xx, xx.xx.2022, p. xx
<https://eur-lex.europa.eu/xxx>